MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2008

Numru. 827/2006

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Antonello Grech)**

**vs**
**Emanuel Portelli bin Emanuel u Carmela nee' Portelli, imwieled fid-9 ta' Mejju, 1974 u residenti 30, Trejqet ta' Majza, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 342375(M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Emanuel Portelli li gie akkuzat talli nhar l-1 ta' Awissu, 2006, ghal habta ta' 10:45hrs fil-bajja tar-Ramla l-Hamra limiti tax-Xaghra, Ghawdex:

1) pogga deckchairs fuq art pubblika minghajr licenzja ta' Awtorita' Kompetenti (15(1) L.N. 128/04)
2) aktar talli kiser il-kundizzjoni tal-licenzja tieghu (Reg 2 L.N. 409/04)

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi ghalkemm l-imputat ghandu licenzja ta' "street hawker" (Category 6 permit) sabiex jiehu deckchairs mill-van tieghu. Jidher illi l-imputat nizzel dawn id-deckchairs mill-van tieghu u kien qieghed jokkupa art meta ma kienx awtorizzat jaghmel dan. Illi l-Artikolu 2 ta' l-Avviz Legali 128/2002 kif sussegwentement emendat bl-Avviz Legali 409/2004, jimponi fuq detentur tal-licenzja fost ohrajn illi meta jkun ser isir tqeghid ta' xi affarijiet f'xi spazju jew area ta' art pubblika, dina tista' ssir biss fl-area mmarkata mill-Kummissarju ta' l-Art minn zmien ghal zmien li jistabbilixxi ukoll l-"encroachement terms";

Jidher illi l-imputat ma kellux tali permess anzi jidher illi ghalkemm applika dana l-permess gie lilu rifjutat u kwindi huwa ma kellu l-ebda dritt inizzel id-deckchairs mill-van tieghu u jqeghdhom fuq art pubblika;

Ghaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-Artikolu 15 (1) ta' l-Avviz Legali 128/02 u Reg 2 ta' l-Avviz Legali 409/04 issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi u tikkundannah multa ta' mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ekwivalenti ghal hamsin Lira Maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------